S U N E T T I

I

Nixtieqni rieqed hiemed, hemm fuq dgħajsa,
nixxaħxaħ taħt ix-xemx ma' l-ilmijiet ,
taħt sema safi, jiddi fuq Bengħajsa,
imtajjar fuq ir-raxx tal-ħsiebijiet...

W ghal dell is-shab bla nikta, safi, jterter,
inħares ġwejjed taħt firxet il-qlugħ,
li tofrogħ, timla, togħla, tinżel, tperper,
bħal mewġ imkaxkar, 'l hinn mix-xtut maqtugħ.

Hemmhekk taħt l-iżraq, tfewweġ ħiemda l-fewġa;
u jgħaddi baxx il-gawwi, qtajja', qtajja';
iżerżer ta' mħabbietu, fuq il-mewġa,
l-għanja lubiena li għallmitu l-ħajja...

O, ejja mmorru, ghaliex hemm bla htija,
tagħnet il-ħajja, tagħnet mingħajr dmija!

II

Ghajjien, Mulejja, nħossni: t-telqa mejta
tad-demm li jnin ġe' fija, qed itfawwar
tqila ma' ġismi—qisni qiegħed f'bejta
ta' ngħas xaħxieħi, fejn il-ħolm jissawwar.

Il-lum jien għadni dieħel fiż-żgħożija:
f'ġamar in-nar ħarqien ta' mitt elf ħeġġa;
ta' mħabba ta' kull lewn, f'kull daqs qawwija,
imjassra b'niggiżiet ħarxa bħal vleġġa...

Il-lum imissu l-baħar sħiħ tal-ħajja
jimla fid-dija tax-xemx ratba u bnina,
jofroq il-medda tax-xtajtiet u l-plajja,
u jfarrak kull ilġiem, kull rabta rżina.

'Ma l-lum fuq ħajti jnewnem, qamar, qiegħed
fuq xfar id-dlam—u d-dawl jasal imriegħed.

W. P. Gulia
(Student: Kors Akkad. tax-Xjenza)